MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Numru 1083/2005

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
David Julius Sciberras, iben
Martin, imwieled l-Ingilterra
fit-2 ta' marzu, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-2 ta' settembru, 2005 bejn it-3.00 a.m. u is-6.15 p.m. ġewwa l-Patricia Hotel, triq Ġuże Howard, Sliema seraq mobile tal-marka Samsung għad-dannu ta' Alexander Camilleri, liema serq hu aggravat bil-valur;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, u fil-ġranet ta' qabel, xjentement xtara jew laqa' għandu oġġetti misruqa li l-valur tagħhom jeċċedi l-mitt lira maltin (Lm100), meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar

f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ ottubru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat illi l-mobile ġie ritornat lil sidu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.  Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------